Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2004

Avviz Numru. 286/2003

**Avviz numru 286/2003DM**

**Joseph Lia**

**Vs**

**Noel Bugeja u Yvonne Bugeja**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elf sitt mija u ghoxrin lira Maltin (Lm1620) rappresentanti bilanc minn somma akbar import ta' kambjala minhom accettata u ffirmata u li skadiet fl-4 ta' Gunju 1998.

Bl-imghax legali mit-12 t' Ottubru 2001 u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-17 t' Ottubru 2002, tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju u tal-ittra ufficjali

pprezentati mal-avviz kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati u ghalkemm ikkontestaw it-talba tal-attrici fis-seduta tal-5 ta' Dicembru tal-2003 ma pprezentaw ebda eccezzjonijiet formalment u lanqas ma dehru fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex in solidum bejnithom ihallsu lill-attur is-somma mitluba ta' elf sitt mija u ghoxrin lira Maltin (Lm1620) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mit-12 t' Ottubru tas-sena 2001;

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------